Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8546/21

AGRI 207
AGRILEG 98
ENV 286

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Studju dwar l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda - *Skambju ta' fehmiet*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness nota ta' informazzjoni tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tas-26 u s-27 ta' Mejju 2021.

ANNESS

NOTA TA' INFORMAZZJONI DWAR

L-Istatus ta' Tekniki Ġenomiċi Ġodda – Segwitu għall-istudju tal-Kummissjoni

1. Kien hemm progress sostanzjali fl-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda, li wassal għal inċertezza dwar jekk dawk it-tekniki l-ġodda jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' organiżmu ġenetikament modifikat (OĠM) u jekk il-prodotti miksuba permez ta' tekniki ġenomiċi ġodda humiex soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM.

2. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 iċċarat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, b'mod partikolari d-Direttiva 2001/18/KE, fil-fatt tapplika għal tekniki ġodda ta' mutaġenesi. Madankollu, tqajmu mistoqsijiet prattiċi dwar prodotti li ma jistgħux jintgħarfu, jekk ġewx prodotti permezz ta' tekniki ġodda ta' mutaġenesi jew permezz ta' mutazzjoni spontanja.

3. Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 rigward l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat dak l-istudju fid-29 ta' April 2021.

4. L-istudju jikkonkludi li l-leġiżlazzjoni attwali dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati għandha sfidi ċari għall-implimentazzjoni u teħtieġ interpretazzjoni legali kontenzjuża biex jiġu indirizzati tekniki u applikazzjonijiet ġodda. Hemm indikazzjonijiet qawwija li mhix adattata għall-iskop tagħha għal xi tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jeħtieġ li tiġi adattata għall-progress xjentifiku u teknoloġiku.

5. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-istudju, il-Kummissjoni tqis li hija meħtieġa azzjoni, mhux biss biex tindirizza l-mistoqsijiet prattiċi li wasslu għat-talba tal-Kunsill, iżda wkoll biex taħsad il-benefiċċji mill-innovazzjoni biex tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema agroalimentari tal-UE kif ukoll għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u b'mod partikolari l-istrateġiji "mill-għalqa sal-platt" u għall-bijodiversità.

6. Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill li biħsiebha tibda azzjoni politika dwar pjanti derivati minn mutaġenesi u ċisġenesi mmirati, li ser tinvolvi t-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt. Għal organiżmi oħra (annimali u mikroorganiżmi) u tekniki ġenomiċi ġodda oħra, il-Kummissjoni biħsiebha tkompli tibni l-għarfien xjentifiku meħtieġ, fid-dawl ta' azzjonijiet ta' politika ulterjuri possibbli.

7. L-azzjoni ta' politika prevista dwar pjanti derivati minn mutaġenesi u ċisġenesi mmirati ser timmira għal sorveljanza regolatorja proporzjonata għall-prodotti tal-pjanti rilevanti, li tikkombina livelli għoljin ta' sikurezza b'valur miżjud ċar għall-bdiewa, is-soċjetà u l-ambjent.

8. It-tekniki ġenomiċi l-ġodda huma kwistjoni teknika kumplessa. Huma wkoll suġġett li dwaru jeżistu fehmiet polarizzati u ta' spiss xettiċi fost il-partijiet ikkonċernati u fis-soċjetà inġenerali, speċjalment meta jkunu relatati mal-produzzjoni tal-ikel. Id-dibattitu politiku jeħtieġ li jqis il-perspettivi differenti kollha u l-kwistjonijiet ewlenin involuti.

9. Nistiednu lill-ministri fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tas-26 u s-27 ta' Mejju 2021 biex jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

a) X'inhi r-reazzjoni tiegħek, u kemm taqbel mal-konklużjonijiet tal-istudju tal-Kummissjoni b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tinbeda azzjoni politika?

b) X'inhi l-fehma tiegħek dwar l-enfasi prevista fuq il-pjanti (u mhux fuq l-annimali u l-mikroorganiżmi), u fuq mutaġenesi u ċisġenesi fil-mira (minflok fuq tekniki ġenomiċi ġodda oħra)?

c) Sa liema punt it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza għandu jqis (i) mhux biss ir-riskji iżda wkoll il-benefiċċji għas-sostenibbiltà tal-prodotti ta' tekniki ġenomiċi ġodda, u (ii) fatturi leġittimi oħra, bħall-aspettattivi tal-konsumatur u l-fehmiet tas-soċjetà?

d) Kif nistgħu niżguraw dibattitu miftuħ u parteċipattiv dwar it-tfassil ta' regolamentazzjoni ġdida, u l-implimentazzjoni tagħha?